MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Numru 713/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs.**

**Rona Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Rona Galea ta' 30 sena bint Alfred Galea u Emanuela nee' Farrugia imwieleda H'Attard nhar l-20 t'Ottubru 1979, detentrici ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 527279(M) li toqghod 11, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi, talli fit-13 ta' Lulju 2010 ghall-habta tas-01:30 pm gewwa l-bajja Ghajn Tuffieha limiti tal-Imgarr, Malta, ikkommettiet serq ta' zewg basktijiet minn fuq il-Bajja ta' Ghajn Tuffieha liema basktijiet kien fihom diversi affarijiet fosthom zewg mobile phones tal-ghamla Nokia u li l-valur komplessiv tal-

affarijiet misruqa huwa ta' €765.86 liema serq sar ghad-dannu tal-konjugi John u Concetta Barbara u huwa aggravat bil-valur ai termini tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputata irreġistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi bl-ammissjoni ta' l-imputata ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha din il-Qorti jkollha necessarjament issibha hatja tar-reat addebitat lilha u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghha.

In vista ta' tali ammissjoni issib lill-imputata hatja tar-reat addebitat liliha izda in vista tal-fatt li l-akkuzata hija disposta ssegwi program ta' rijabilitazzjoni ghall-vizzju tad-droga, mhux ser timponi s-sentenza relattiva ghar-reat meritu tas-sentenza tal-15 ta' Gunju 2010 esebita mill-Ufficjal Prosekutur u markata Dok. “EC3”;

Ghalhekk wara li rat l-Artikolu 261, l-Artikolu 267 u l-Artikolu 279 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni taghha ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuza migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghall-perjodu ta' sentejn (2) prigunerija.

L-imputata ghandha tul dan il-perjodu ssegwi program ta' rijabilitazzjoni ghall-vizzju tad-droga u d-Direttur tal-Habs ghandu jaghmel dak necessarju biex l-imputata ssegwi tali program.

Din is-sentenza ghandha tigi notifikata lid- Direttur tal-Habs.

Il-Qorti in oltre tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------